Qorti Civili, Prim'Awla

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 385/2013AE

**Marc Schembri**

**Vs**

**Joseph Grech**

It-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2015.

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fid-19 ta' April 2013, l-attur ippremetta u talab:-

*1. Illi l-istanti Marc Schembri kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 669 fi Vjal l-Indipendenza Mosta fit-23 ta' April 2011, u sehh incident stradali mal-vettura EBY 515 misjuqa minn Joseph Grech;*

*2. Illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut illi ghamel manuvra inadatta u perikoluza, minghajr ma ha d-dovuti kawteli;*

*3. Illi rizultat ta' dan l-incident stradali l-attur safa imwegga gravement u ser jibqa permanentement debilitat, u dan oltre d-danni materjali u ta' natura patrimonjali minnu wkoll sofferti;*

*4. Illi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati kif imfisser;*

*5. Illi l-istanti b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident stradali msemmi.*

Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara responsabbli ghall-incident stradali li sehh fi Vjal l-Indipendenza Mosta fit-23 ta' April 2011 bejn il-vetturi AAL 669 u EBY 515 u ghad-danni li b'rizultat ta' l-istess sofra l-attur;*

*2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundannah ihallas lill-istanti dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti in linea ta' danni, kif imfisser.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fit-30 ta' Mejju 2013, il-konvenut wiegeb:-

*1. Illi mhux minnu illi l-incident stradali sehh unikament minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-esponenti, izda bil-kuntrarju, minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur u dan peress illi kien huwa stess li ghamel manuvra inadatta u perikoluza, minghajr ma ha d-dovuti kawteli;*

*2. Illi, ghalhekk, l-esponenti ma ghandu jaghmel tajjeb ghall-ebda danni kkagunati lill-attur, stante li dawn sehhew unikament minhabba l-agir ta' l-istess attur;*

*3. Illi, konsegwentement, l-esponenti mhux responsabbli ghall-incident stradali msemmi;*

*4. Illi ghalhekk, m'ghandu jkun hemm ebda danni likwidati fil-konfront tieghu, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tikkundanna lill-esponenti jhallas l-ebda somma fil-konfront ta' l-attur;*

*5. Illi ghalhekk, din il-kawza hija nfondata kemm fil-fatt, kif ukoll fi dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur.*

Il-qorti rat l-atti li jinkludu nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut[1].

**Konsiderazzjonijiet**.

1. Il-kawza titratta incident tat-traffiku li sehh fi Vjal l-Indipendenza, Mosta fit-23 ta' April 2011. L-attur kien qieghed isuq vettura AAL 669 filwaqt li l-konvenut kien ix-xufier tax-xarabank EBY 515.

2. **Responsabbilta**.

2.1 L-attur qal li waqt li l-vettura tieghu kienet wieqfa peress li t-traffic lights kienu ahmar, ekk kif gie biex jaqla' x-xarabank baqghet diehla fuq il-parti ta' wara tal-vettura tieghu.

2.2 Il-konvenut qal li l-attur irriversja l-vettura tieghu u baqa' diehel fuq quddiem tax-xarabank u mbaghad saq 'il quddiem. Qal li fuq il-lemin tieghu kien hemm triq sekondarja, li l-qorti fehemet li hi Triq Glormu Cassar, u l-attur irriversja l-vettura sabiex idur ghal gewwa din it-triq.

2.3 Jirrizulta li l-attur kien fi triqtu biex jiltaqa' ma' lecturer tal-Matematika u Fizika li kellu l-ufficcju tieghu gewwa Triq Glormu Cassar. L-attur ipprezenta affidavit ta' din il-persuna, Dr Frank Bezzina, li kien xhud okulari. Ix-xhud spjega kif kien qieghed jistenna lill-attur barra fit-triq u f'hin minnhom: *"…. I saw him in front of the traffic lights in a blue Fiat Punto just opposite what is now the Village Gossip Hair Studio in Independence Avenue, Mosta. As soon as Marc was just starting to move forward, a bus hit him from behind"* (fol. 26). Ma sarx kontro-ezami lix-xhud.

2.4 Sabiex jikkorabora l-verzjoni tieghu, il-konvenut ipprezenta traskrizzjoni ta' deposizzjoni li nghatat minn certu Luciano Baldacchino fil-proceduri **Il-Pulizija vs Joseph Grech** quddiem

[1] Prezentata fit-30 ta' Settembru 2015.

il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Dan ix-xhud qal li kien passiggier fuq ix-xarbank '*... Bilqeghda fuq is-seat ta' hdejn l-istaffa'* u li ra vettura tirriversja ghal fuq ix-xarabank.

2.5 F'affidavit tas-surgent tal-pulizija Anne Marie Vella qalet li marret fuq il-post u nnotat li *"... **x-xarabank kienet ghadha kif qabzet it-traffic lights** bi hsara fil-parti ta' quddiem u vettura AAL 669 kienet 40 metru 'l quddiem bi hsara fuq il-parti ta' wara"*. Fir-rapport tal-pulizija jinghad li l-konvenut iddikjara li *"... huwa **kien wieqaf meta hin minnhom vettura li kienet quddiemu irriversjat** biex tidhol go Triq Glormu Cassar...."* (fol. 7). Verzjoni li ma taqbilx ma dak li xehed fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2015 meta qal li waqaf meta ra l-vettura tal-attur tirriversja ghal fuq ix-xarabank (fol. 75).

2.6 Hu fatt li mill-provi m'huwiex car f'liema parti tat-Triq Glormu Cassar kien jinsab Dr Bezzina fil-mument tal-incident. Pero' mill-affidavit tax-xhud hu evidenti li l-attur kien jaf fejn jinsab l-ufficcju tieghu (fol. 26).

2.7 Il-qorti hi tal-fehma li l-verzjoni tal-attur hi iktar kredibbli meta tqies:-

(a) Din ma kinitx l-ewwel darba li l-attur mar l-ufficcju tal-lecturer. Ghalhekk kien jaf fejn hu l-ufficcju. Il-qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn l-attur ser jirriversja fi triq principali kif inhi Vjal Indipendenza u traffikuza, meta kull ma kellu jaghmel hu li jikser il-vettura ghal fuq il-lemin tieghu sabiex jidhol fi Triq Glormu Cassar.

(b) Is-surgent tal-pulizija li nvestigat il-kaz ikkonfermat li meta marret fil-post sabet ix-xarabank li kienet 'ghadha kif qabzet it-traffic lights. Indikazzjoni favur il-verzjoni tal-attur.

(c) Skond il-verzjoni li ta l-konvenut a *tempo vergine*[2], ix-xarabank kienet wieqfa meta ra l-vettura tal-attur tirriversja. Il-logika tghidlek li x-xarabank kienet wieqfa minhabba li t-*traffic lights* kien jixghelu ahmar. Il-qorti ma tista tara l-ebda raguni ohra ghalfejn ix-xarbank kienet wieqfa.

(d) Fir-rapport tal-pulizija jinghad li l-hsara fil-vettura tal-attur kienet fil-bumper, *booth* u *windscreen*. Il-qorti hi tal-fehma li dik il-kwantita ta' hsara hi iktar indikattiva li kienet ix-xarabank li habtet fil-Fiat Punto.

(e) L-attur sofra griehi f'wiccu u kellu d-demm ma' wiccu. Fatt li jindika li l-attur kien qieghed ihares 'il quddiem. Hi iktar verosimili li f'manuvra ta' reverse ix-xufier ser idawwar rasu, iktar u iktar meta tikkunsidra li Vjal Indipendenza hi triq principali u mhux xi sqaq imwarrab fil-kampanja.

---

[2] Ghall-qorti din il-verzjoni ghandha tinghata iktar rilevanza mill-verzjoni li l-konvenut ta erba' snin wara l-akkadut.

3. **Danni**.

3.1 L-attur isostni li sofra debilita permanenti f'wiccu. L-attur xehed: *"As a result of the accident, my nasal bone was deviated and my nose scarred for life"* (fol. 25). F'dan ir-rigward il-qorti nnominat bhala perit mediku lil Dr Charles Swain li fir-rapport li pprezenta fit-23 ta' Ottubru 2013 qal li fin-naha tal-gemb tal-imnieher ghandu cikkatrici twila 0.7 cm. Kompla:

*"Fl-incident tat-23 ta' April 2011, Marc Schembri sofra griehi zghar fil-wicc u frattura minuri tal-ghadam ta' l-imnieher. Ic-cikkatrici zghira fuq l-imnieher ma timmuntax ghal sfregju.*

*Ikkomparajt ir-ritratti li ttiehdu dan l-ahhar (Dok. A) mar-ritratt tal-karta ta' l-identita li tiddata minn qabel l-incident u ma narax differenza bejniethom.*

*Ma hemm l-ebda mod li bih wiehed jista' jikkjarifika jekk il-ftit nefha tan-nosebridge mhix konnessa ma l-ewwel incident (futbol 2008[3]) jew mat-tieni (traffiku 2011)"* (fol. 43).

Il-perit mediku qal ukoll li: *"L-imnieher dritt u ma hemmx devjazzjoni tal-qarquca tan-nofs li tista' tikkawza ostakolu fin-nifs"* (fol. 42).

Ghalkemm l-attur talab in-nomina ta' periti perizjuri[4], mill-atti hu evidenti li ma baqax jinsisti fuqha. Fil-fatt fis-seduti ta' wara ma saret l-ebda riferenza ghal dik it-talba[5] u lanqas ma gie pprezentat xi rikors sabiex il-qorti tipprovdi. Dan fih innifsu hu ndikattiv li l-attur ma kienx iktar interessat fit-talba. L-attur lanqas ma talab li jeskuti l-perit mediku. L-uniku prova li hemm hi li l-attur sofra scar f'wiccu b'daqs ta' 0.7 cm, li verament hi minima. Scar li meta thares lejh ftit li xejn tidher. Pero' jibqa' 'l fatt li hemm qeghda. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza

---

[3] Fir-rapport jinghad ukoll: *"Fit-28 ta' Dicembru, 2008 kellu incident waqt loghba futbal fejn kien wegga' mniehru. Jidher li kellu frattura ta' l-ghadam ta' l-imnieher li kienet fieqet minghajr interventi dik id-darba wkoll. Kienu rawh tobba fl-Outpatients tal-ENT li jikkonferma dan"* (fol. 42).

[4] Ara verbal tas-seduta tal-14.5.2014 u nota prezentata dakinhar.

[5] Hu evidenti li mill-atti jirrizulta li wara r-rapport tal-perit mediku l-attur kien interessat biss li jinhatar espert mediku fil-psikjatra ghaliex qal li minhabba l-iscar li kellu f'imniehru kien sofra hsara psikika. Talba li giet michuda bid-digriet tal-1 ta' Lulju 2015 wara li l-qorti qalet li ma kinitx inghatat raguni li tiggustifika li jitressqu provi ohra mill-attur wara li kien diga' ghalaq il-provi tieghu. F'dan l-istadju l-qorti tosserva biss kif fis-seduta tas-26.5.2014 id-difensur tal-attur iddikjara li kien ilu jara psikjatra mid-data tal-incident, filwaqt li fl-affidavit tal-20 ta' Novembru 2013 ma ghamel ebda accenn li b'rizultat tal-iscar li ghandu f'imniehru kien qieghed isofri minn problemi psikologici.

ghas-sentenza fil-kawza **Alex Vella Falzon vs George Vassallo** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[6] fil-5 ta' Ottubru 1993:- *".... L-attur fieq sewwa mill-griehi li kellu sal-punt li ma kellux isofri konsegwenzi fil-kapacita' lavorattiva tieghu. Dan ma jfissirx pero' li l-attur ma sofra l-ebda danni tangibbli. Il-qorti ma tikkondividix l-opinjoni li una volta ma rrizulta l-ebda grad debilita' permanenti, allura l-kaz ghal lucrum cessans huwa maghluq.* ***Ma tarax kif tista' tittratta l-griehi permanenti u l-manifestazzjoni taghhom permezz ta' l-iscars li jsofri l-gisem tal-bniedem differentement minn hsara fuq bumper jew parti ohra ta' karrozza danneggjata****. Mhux legittimu li wiehed jesigi li min hu responsabbli ghall-incident ghandu jbiddel part ta' karrozza meta din ma tkunx tista' tissewwa b'mod perfett jew ghax il-vettura tkun gdida, imma li ma ghandu jaghmel tajjeb ghal xejn jekk min korra ser jibqa' sfigurat ghal ghomru ghax dak l-isfregju mhux ser jaffettwalu l-qligh tieghu. Mhux korrett li dawn l-iscars jigi ekwiparati ghal pain and suffering, kuncett pjuttost astratt u intangibbli. L-iscars huma ghal kuntrarju hsara reali u tangibbli li, fit-teorija, il-konvenut hu tenut li jirrimedja ghaliha"* (enfazi mizjuda). Ghalhekk il-qorti ser tghaddi biex tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) bhala danni nominali.

**Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u:-**

1. **Tiddikjara li l-incident tat-traffiku oggett tal-kawza sehh tort tal-konvenut.**
2. **Tillikwida d-danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500).**
3. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt ewro (€1,500).**

**Spejjez a karigu tal-konvenut b'dan li nofs l-ispejjez tal-perizja ghandhom jithallsu mill-attur gialadarba mhux l-ilmenti kollha kienu gustifikati**.

Anthony Ellul.

[6] Imhallef J. Said Pullicino.